

32003R1805

16.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 265/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1805/2003**tat-13 ta' Ottubru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2596/97 li jestendi l-perjodu previst fl-Artikolu 149(1) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 149(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) It-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2596/97 ⁽³⁾ ittawwal sal- 31 Diċembru 2003 il-perjodu li matulu jistgħu jiġu adottati miżuri temporanji dwar il-kriterji tal-kontenut ta' xaħam fil-ħalib li jitpoġġa fis-suq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Att tas-Sħubija ta' l-1994.
- (2) Fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-kriterji dwar il-kontenut ta' xaħam fil-ħalib għall-konsum tal-bniedem qed ikompli joħloq problemi għall-Finlandja u l-Isvezja.

(3) Huwa, għalhekk, meħtieġ li jsir użu mill-possibbiltà mogħtija fl-Artikolu 149(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994 biex jitwal il-perjodu in kwistjoni. Jidher xieraq li jkun hemm perjodu żejjed li jibqa' sejjer sat-30 ta' April 2009.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2596/97 għandu, għalhekk, jiġi emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2596/97, għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Madankollu, dwar il-kriterji tal-kontenut ta' xaħam fil-ħalib għall-konsum tal-bniedem li ġie prodott fil-Finlandja u l-Isvezja, il-perjodu hawnhekk qed jitwal sat-30 ta' April 2009.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Ottubru 2003.

Fisem il-Kunsill

G. ALEMANN

Il-President

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fid-9 ta' Ottubru 2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Settembru 2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 351, tat-23.12.97, p. 12. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2703/1999 (ĠU L 327, tal-21.12.99, p. 11).